THE YOUTH FOOTBALL ASSOCIATION

AFFILIATED WITH THE MALTA FOOTBALL ASSOCIATION

**THE YOUTH FOOTBALL ASSOCIATION.**

**c/o The Centenary Stadium Ta' Qali. ATTD 4000 – MALTA.**

**Tel/Fax 356 21237080. Website: www.theyouthfa.org.mt**

---

Ċirkulari Nru 5/2016-2017 24 t'Awissu, 2016

Sur Segretarju,

Biex nevitaw protesti mhux meħtieġa, kif ukoll interpretazzjoni differenti dwar in-numri ta' plejers barranin irreġistrati għand l-MFA fuq Form Q , Form G u plejers fuq FSR Form tal-Youth FA, li jistgħu jilgħabu fil-Kampjonati jew Kompetizzjonijiet oħra organizzati mill-Youth FA, fil-livell ta' U17, U15 u U13, qed jinħass il-bżonn li jidħlu dawn ir-regolament ta' hawn taħt fil-Competition Rules ta' l-Assocjazzjoni b'effett mid-data ta' din iċ-ċirkulari.

**Daħħal dan:**

**3. <u>Eliġġibiltà tal-Plejers (referenza età)</u>**

***(III) Permessi Speċjali***

**(j)** Dawk in-Nurseries li jinstabu ħatja li b'xi mod ikunu qegħdin jabbużaw b'dan ir-regolament, il-Kunsill iżomm id-dritt li saħansitra jissospendi lil dik in-nursery milli tkompli tipparteċipa fil-kompetizzjonijiet tal-Youth FA, flimkien ma miżuri li jidhirlu l-Kunsill fuq il-każ.

**11. <u>Eliġibbilità ta' Plejers akkreditati, Plejer biex jitqies li hu eliġibbli biex jilgħab ma' Youth Club jew inkella man-Nursery tal-M.F.A. 'Parent Club' fil-Kompetizzjoni ta' "The Youth F.A."</u>**

**(d)** Waqt logħob tal-Kampjonati/kompetizzjonijiet U17-U15-U13 organizzati mill-Youth FA, ma hemmx limitu għan-numru ta' plejers hekk imsejha barranin (ċertifikat ta' twelid mhux Malti) li jkunu rreġistrati għand l-MFA fuq Form Q, Form G jew fuq l-FSR Form tal-Youth FA, li jistgħu jitniżżlu fuq

il-*line Up,* iżda huma żewġ plejers (2) biss eliġibbli li jieħdu sehem (jilgħabu) 'on the field of play' f'kwalunkwe ħin tal-partita.

Dan qed isir biex l-affarijiet ikunu aktar ċari, u ma jkunx hemm problemi bla bżonn matul l-istaġun.

Għaldaqstant huwa mitlub li d-daħħal dan ir-regolament fis-seħħ mid-data ta' din iċ-ċirkulari.

**Joe Micallef**
**Segretarju Ġenerali**

---

APS bank

**Supporting Youth Through Football.**